V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8814 — Melrose/GKN)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 62/04)

1. Fid-9 ta' Frar 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Melrose Industries PLC (Melrose) (ir-Renju Unit), kumpanija pubblika kkwotata fil-Borża ta' Londra u mhix ikkontrollata minn xi azzjonist individwali jew grupp ta' azzjonisti.

— GKN plc (GKN) (ir-Renju Unit), kumpanija pubblika kkwotata fil-Borża ta' Londra (London Stock Exchange) u mhix ikkontrollata minn xi azzjonist individwali jew grupp ta' azzjonisti.

Melrose takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll ta' GKN kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' offerta pubblika mħabbra fis-17 ta' Jannar 2018.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Melrose: l-akkwist ta' negozju tal-manifattura ta' kwalità għolja b'esponiment għal swieq finali b'saħħithom u l-provvista ta' servizzi ta' ġestjoni bil-għan li jsir qligħ mill-bejgħ eventwali tagħhom. Bħalissa, Melrose għandha żewġ negozji li qed jaħdmu: (i) Brush Electrical Machines li tipprovdi prodotti u servizzi għas-settur tal-enerġija; u (ii) Nortek Inc. li timmanifattura prodotti ta' mmaniġġar tal-arja, sistemi ta' tisħin u tkessiħ, sistemi ta' sigurtà mingħajr fili, sistemi ta' awtomazzjoni fid-dar u s-sistemi ta' sikurezza personali.

— GKN: GKN hija grupp dinji tal-inġinerija u l-attivitajiet tagħha huma ffokati fuq is-settur tal-karozzi, l-ajruspazju, sistemi tal-metallurġija tat-trab u roti u strutturi għall-vetturi mhux maħsuba għat-triq.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8814 — Melrose/GKN

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË